MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 559/2004

**Carmelo Galea (I.D. 574937M) u Angelo Galea (I.D. 65039M) ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' C. & A. Galea Contractors f'isimhom proprio u ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess ditta**

**vs**

**Bayswater Engineering Co Ltd**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u disgha u sebghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm2,279.59) rapprezentanti bilanc ta' kumpens ghal diversi xogholijiet ta' skavar, demolizzjoni u thammil ta' art ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 28 ta’ Ottubru 2003 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontestwalment ipprezentat, u bl-imghaxijiet legali mis-16 ta’ Marzu 2003 fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta, rapprezentanti ta’ liema li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta’ Novembru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra is-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------